Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2009

Appell Civili Numru. 746/2007/1

**Gordon Grech**

**v.**

**Il-Kontrollur tad-Dwana**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrent fil-11 ta’ Lulju 2007 li jaqra hekk:
“Illi l-esponent ghadu kif gie notifikat b’nota ta’ qbid Nru 65/2006 mahruga fil-konfront tieghu fejn gie infurmat illi gew konfiskati mill-intimat s-segwenti oggetti

a) 60 kaxxa x 6 fliexken J&B whiskey (1 ltr)
b) 15-il kaxxa x 6 fliexken Jack Daniels Whiskey (1 ltr)
c) 20 kaxxa x 6 fliexken Averna (0.7 ltr)
d) 10 kaxxi x 6 fliexken Chivas Regal (0.7 ltr)
e) kaxxa x 6 fliexken Bacardi (1 ltr).

“Illi kopja tan-nota relattiva qed tigi annessa bhala Dok. A.

“Illi l-valur ta’ dawn l-oggetti gie ndikat fin-nota msemmija bhala ta’ Lm4,046.

“Illi kif ser jirrizulta waqt is-smigh u t-trattazzjoni ta’ dan ir-rikors m’hemmx lok ghaliex dawn l-oggetti jibqghu maqbuda u dan ghaliex l-esponent ordna dawn l-oggetti minghand il-kumpanija Sciarabba gewwa Palermo. Din il-kumpanija nkarigat socjeta` ohra go Palermo stess u cioe` certu Giuseppe Federico u kkonsenjatlu d-dokumenti kollha relattivi u dan kollu b’mod regolari.

“Ghaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha a tenur tal-Artikolu 73(1) tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna l-helsien tal-oggetti hawn fuq elenkati u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.”

Rat ir-risposta tal-intimat Kontrollur tad-Dwana tal-24 ta’ Settembru 2007 li in forza taghha eccepixxa illi:

“1. Preliminarjament in-nuqqas ta’ kompetenza ta’ din il-Qorti biex tisma’ din il-kawza peress li *ex admissis*, il-valur tal-oggetti huwa taht il-hamest elef lira, liema valutazzjoni ma tidhirx li hi kontestata mir-rikorrent.

“2. Preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in-nuqqas ta’ notifika tal-Avukat Generali bir-rikors ai termini tal-Artikolu 181B(3) tal-Kap. 12.

“3. Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrent naqas li jottempora ruhu mal-provvedimenti tal-Artikolu 72(2) tal-Qordinanza tad-Dwana

Kap. 37 billi naqas li jaghmel it-talba tieghu ghar-rilaxx bil-miktub qabel jibda proceduri fil-Qorti.

“4. Fil-mertu, il-qbid tal-merkanzija konsistenti f’xorb alkoholiku huwa gust u n-nota ta’ qbid numru 65/2006 inharget skond il-ligi stante li r-rikorrent naqas li jiddikjara li kien se jgib f’Malta x-xorb in kwistjoni u ghalhekk ittenta jevadi l-hlas tad-dazju tas-sisa fl-ammont ta’ Lm2574.30 u VAT fl-ammont ta’ Lm1191.65 u dan b’detriment ghad-dhul tal-Gvern.

“5. Fil-mertu wkoll, ir-raguni li gab ir-rikorrent ghaliex il-qbid tal-merkanzija ma messux sar, ma tregix u mhix relevanti ghall-kaz.

“Salvi eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

“Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet [recte: talba] tar-rikorrent bl-ispejjez kontrih.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta’ Ottubru 2007, li in forza taghha laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-intimat, u ddikjarat li dik il-Qorti m’ghandhiex is-setgha li tisma’ l-kawza minhabba l-valur taghha, u helset lill-intimat milli jibqa’ izjed fil-gudizzju, bi spejjez kontra r-rikorrent Gordon Grech;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Illi din hija azzjoni għal rilaxx ta’ ħwejjeġ maqbuda skond l-artikolu 73 tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta’ Malta. Ir-rikorrent qiegħed jitlob li oġġetti maqbudin u miżmuma mid-Dwana mas-sejba tagħhom f’Malta jintraddulu lura;

“Illi l-intimat ressaq, fost l-oħrajn, eċċezzjonijiet preliminari kontra l-azzjoni attriċi li jmisshom ikunu mistħarrġin qabel kull ħaġa oħra. L-ewwel waħda hija dwar is-setgħa ta’ din il-Qorti li tisma’ l-kawża *ratione valoris*. It-tieni waħda hija li l-azzjoni tar-rikorrent hija perenta billi huwa naqas li jitlob lill-intimat li jirrilaxxalu l-ħwejjeġ maqbudin fiż-żmien lilu mogħti u għalhekk il-liġi tqis li dawk l-istess ħwejjeġ

m'għadhomx iżjed tal-attur rikorrent imma ġew konfiskati favur il-Gvern[1];

"Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tar-Rikors jirriżulta li fis-26 ta' Ottubru, 2006[2], inqabdet minn uffiċjali tad-Dwana kwantita' ta' kaxex mimlijin b'xorb alkoħoliku minn fond fin-Naxxar. B'kollox kien hemm mija u tlettax-il (113) kaxxa li kien fihom seba' mija u għoxrin (720) flixkun. Il-valur tal-imsemmija kunsinna tqieset fis-somma ta' erbat elef u sitta u erbgħin lira Maltija (Lm 4,046). Ir-rikorrent tqies bħala l-"persuna konċernata" dwar l-imsemmija kunsinna. Fil-11 ta' Ġunju, 2007, l-intimat ħareġ Nota ta' Qbid kontra r-rikorrent. Fil-11 ta' Lulju, 2007, infetħet il-kawża;

"Illi **dwar l-eċċezzjoni li din il-Qorti m'għandhiex is-setgħa li tisma' l-kawża minħabba l-valur tal-oġġett tat-talba**, għandu jingħad li l-eċċezzjoni taħt eżami tintrabat ma' dak li jipprovdi l-artikolu 741 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa ċar li din tintrabat mal-paragrafu (b) tal-imsemmi artikolu flimkien mal-artikolu 746, li jirreferi għall-artikoli miġjubin warajh. Skond l-artikolu 748 tal-Kodiċi Proċedurali, l-valur tal-oġġett tal-kawża jista' jkun determinat jew (a) meta t-talba hija għall-ħlas ta' somma determinata jew (b) meta t-talba hija għal ħaġa li l-valur tagħha huwa determinat fit-titolu li jagħti kawża għall-azzjoni jew f'xi kitba oħra li torbot lill-partijiet;

"Illi fil-każ tal-lum, jidher li l-intimat eċċipjent isejjes l-eċċezzjoni tiegħu taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 748(b) tal-Kodiċi, u dan għaliex jgħid li, min-Nota ta' Qbid innifisha joħroġ li l-valur tal-kunsinna miżmuma minnu ma kinitx taqbeż il-valur ta' ħamest elef lira Maltija (Lm 5,000);

"Illi huwa għalhekk li jingħad li, bħala regola, l-kompetenza tal-Qorti hija meqjusa fuq kollox u qabel kull konsiderazzjoni tal-eċċezzjonijiet, mit-termini nfushom tat-talba attriċi billi huwa dak l-att promotur kif imressaq (bil-premessi u t-talbiet marbuta magħhom) li jiddefinixxi l-wisgħa u l-limiti tal-kompetenza tal-Qorti biex tisma' l-każ[3];

---

[1] Art. 72(2) tal-Kap 37
[2] Dok "A", f'paġ. 3 tal-proċess
[3] App. Ċiv. **7.10.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Frankie Refalo noe vs Jason Azzopardi et*** (mhix pubblikata)

"Illi din il-kawża tressqet taħt id-dispożizzjonijiet ta' liġi speċjali. Dik l-istess liġi tagħti rimedju lil min jidhirlu li ma kienx sewwa li oġġetti miżmuma mid-Dipartiment tad-Dwana ma jingħatawlux lura. B'kawża bħal din, jista' jitlobhom lura. Iżda dik l-istess liġi speċjali tipprovdi wkoll[4] li dak ir-rimedju għandu jintalab bi "l-proċediment meħtieġ quddiem il-qorti ċivili kompetenti, skond il-valur tal-ħaġa maqbuda";

"Illi, għalhekk, meta wieħed iqis li t-talba magħmula f'din il-kawża u jara li din hija talba għar-rilaxx ta' ħwejjeġ li s-siwi tagħhom jissarraf f'somma determinata, u meta wieħed jikkonsidra wkoll li n-natura tal-azzjoni m'hijiex waħda minn fost dawk li l-liġi tgħaddi bla distinzjoni fis-setgħa tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, allura l-konklużjoni waħdanija li wieħed jasal għaliha hi li l-eċċezzjoni mqanqla mill-intimat hija mistħoqqa. F'dan il-każ, u sa minn mindu tressqet il-kawża, joħroġ li l-kawża ma kinitx ta' kompetenza ta' din il-Qorti, iżda tal-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati *ratione valoris*;

"Illi, minħabba f'hekk, il-Qorti ssib li l-eċċezzjoni tal-intimat dwar in-nuqqas ta' setgħa li din il-Qorti tisma' l-kawża minħabba l-valur tat-talba tirriżulta mistħoqqa;

"Illi għalhekk, din il-Qorti m'għandhiex (u ma tistax) tistħarreġ l-eċċezzjoni l-oħra dwar jekk l-azzjoni tar-rikorrent waqgħetx qabel inbdiet minħabba li naqas li jħares il-proċedura meħtieġa biex ma jħallix il-ħwejjeġ miżmuma jaqgħu f'idejn il-Gvern;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Gordon Grech li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tat-2 ta' Ottubru 2007 fl-ismijiet premessi u tibghat l-atti lura lill-ewwel Qorti ghall-prosegwiment tal-kawza, bl-ispejjez kontra l-intimat.

---

[4] Art. 72(2) tal-Kap 37

Rat ir-risposta tal-intimat li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrent appellant u hekk tikkonferma s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi fl-intier taghha, bl-ispejjez kontra r-rikorrent appellant;

Rat li fl-udjenza tat-3 ta' Novembru 2009 dehret l-avukat Dott. Marvic Sciberras Abdilla ghall-appellat; deher ukoll l-appellant izda l-Avukati tieghu baqghu ma dehrux; din il-Qorti ordnat il-prosegwiment tal-appell u l-imsemmija Dott. Sciberras Abdilla rrimettiet ruhha ghall-atti;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza r-rikorrent qed jitlob ir-rilaxx ta' hwejjeg li gew maqbuda mill-Kontrollur tad-Dwana; l-oggetti konfiskati huma diversi kaxxex bi fliexken ta' whiskey u xorb iehor alkoholiku, u dawn gew konfiskati peress li allegatament l-istess rikorrent naqas li jiddikjara li kien se jgib f'Malta x-xorb in kwistjoni. Il-valur ta' dawn il-hwejjeg, mill-atti, jidher li hu erbat elef u sitta u erbghin liri Maltin (Lm4046) illum disat elef erba' mija u erbgha u ghoxrin elf ewro u erbgha u sittin centezmu (€9,424.64). L-intimat eccepixxa, in linea preliminari, l-inkompetenza *ratione valoris* tal-Qorti aditta, peress li, fit-termini tal-Artikolu 47 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta), hija l-Qorti tal-Magistrati (Malta) li trid tisma' u tiddeciedi fuq il-kwisjtonijiet kollha li ma jeccedux is-somma ta' hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin euro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87). L-ewwel Qorti laqghet din l-eccezzjoni, iddikjarat ruhha inkompetenti li tisma' l-kaz, u lliberat lill-Kontrollur tad-Dwana mill-osservanza tal-gudizzju.

Gordon Grech appella mis-sentenza u lmenta li hu ma nghatax cans jissottometti l-argumenti tieghu quddiem l-ewwel Qorti, u li, f'kull kaz, fit-termini tal-Artikolu 73(9) tal-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta), "id-dispozizzjonijiet tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili dwar il-procedimenti quddiem il-Prim Awla tal-Qorti

Civili ghandhom japplikaw dwar kull rikors bhal dak”. Hu jsostni li r-rikors tieghu sar a bazi ta’ din il-ligi u allura sar tajjeb quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili.

Trattat l-ewwel aggravju, din il-Qorti tara li dan hu kompletament bla bazi, peress li fil-gurnata li fiha kien imsejjah u debitament notifikat biex jidher quddiem l-ewwel Qorti, la dehru r-rikorrent u lanqas id-difensuri tieghu. Din il-Qorti ma tistax tikkunsidra ilmenti bhal dawn, meta dik il-parti stess tkun naqset milli tuzufruwixxi ruhha mill-opportunita` moghtija lilha bil-ligi biex tressaq u ssostni l-kaz taghha. Inoltre, talba biex l-ewwel Qorti tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza, saret biss <u>lejliet</u> id-data li fiha l-Qorti kellha taghti s-sentenza, meta din setghet saret, b’aktar attenzjoni, dakinhar stess tas-seduta mizmuma mill-ewwel Qorti jew l-ghada.

Dan l-aggravju qed jigi michud.

Dwar l-aggravju li jolqot direttament il-meritu ta’ dik l-eccezzjoni, il-Qorti tirrileva li l-Artikolu 73(9) invokat mir-rikorrent Grech, jaghmel referenza ghall-“procedimenti” quddiem il-Prim Awla, u mhux ghall-kompetenza tal-istess li hi regolata b’ligi ohra. Inoltre, l-Artikolu 72(2) tal-istess Kap. 37 ighid car u tond f’liema qorti kellu jigi prezentat ir-rikors, u dan billi jiddisponi li:
“F’dan il-kaz il-persuna li titlob lura l-hwejjeg maqbuda ghandha, fi zmien tletin gurnata minn dak l-avviz, tibda l-procediment mehtieg <u>quddiem il-qorti civili kompetenti, skond il-valur tal-haga maqbuda</u>, u, fin-nuqqas ta’ dan il-jedd fuq din il-haga jtiqies li gie mitluq” (Sottolinear ta’ din il-Qorti).

La hu hekk, m’hemmx dubju li la darba l-attur stess kien jaf li l-valur tal-oggetti kien ta’ anqas minn hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin euro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87), u bl-ebda mod ma ndika jew wera li kien qed jikkontesta dan il-valur, hu car li r-rikors ma kellux jigi pprezentat quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, kif fil-fatt gara f’din il-kawza (ara bhala rifless fuq dan il-punt il-kawza **World Wide Import/Export Co. Ltd. v. Kontrollur**

**tad-Dwana**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Lulju, 2005).

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mir-rikorrent Gordon Grech billi tichad l-istess u tikkonferma *in toto* s-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu kollha mill-appellant; u peress li tqis dan l-appell wiehed fieragh u vessatorju ghall-ahhar tikkundanna lill-istess appellant ghall-hlas ta' spejjez doppji skond l-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------